# IL-PULIZIJA

Settembru 2022 · Vol 29 · Nru 2




NEWSPAPERPOST


WE'RE STRONGER TOGETHER
AIG
Montaldo Insurance
AGENCY LIMITED
98/2, Melita Street, Valletta VLT 1120 Tel: 21 238 500 www.montaldoinsurance.com
A company authorised to act as an insurance agent, regulated by the Malta Financial Services Authority
Malta General Agents for AIG Europe S.A. an insurance undertaking with R.C.S. Luxembourg number B 218806. Head Office at 35 D Avenue John F. Kennedy, L-1855, Luxembourg

# Werrej


**04** **Il-Messaġġ**
Tal-Kummissarju

**07** **Dan l-aħħar**
Minn PC 2025 Charlene Cilia

**10** **Esperjenza ta' xogħol ġewwa l-Polonja**

**12** **Esperjenza ta' xogħol ġewwa Malta**

**16** **Q & A**
Minn Dr. Mary Muscat

**18** **Is-Saħħa Mentali**
Employee Support Programme Unit

**21** **Police Officers Union**
Minn Steve Spiteri

**22** **Apprezzamenti**
Mingħand il-Komunità

**25** **Paġna tal-Isports**
Avvenimenti Sportivi

**26** **Pensjonanti**
Kitba ta' Martin Pace

**29** **International Police Association**

**30** **Obitwarju**


# Editorjal

Merħba għal din l-edizzjoni wara l-ewwel sajf 'normali' f'sentejn. U għalkemm sajf 'normali' għalina kien ifisser festi, kunċerti, attivitajiet u iżjed xogħol, ikollna nammettu li xi ftit jew wisq konna ħerqana li mmorru lura għan-normalità, bit-tajjeb u l-ħażin kollu li ġġib magħha.

L-aħħar li kont qed nikteb dan l-editorjal kien ftit qabel l-elezzjoni ġenerali u l-miġja tal-Papa, żewġ commitments li bil-mod li qed jiġri ż-żmien, kważi kważi taħseb li ilhom ħafna li għaddew u mhux ftit xhur biss. Kien propju artiklu li għandna f'din il-ħarġa, li reġa' fakkarni li ħdimna dawn iż-żewġ avvenimenti kbar b'impenn imma mingħajr tbatija żejda, fejn konna nafu minn ġranet qabel il-ħinijiet li se naħdmu, bl-istaff tal-kċina jagħmel ċert li kulħadd għandu biżejjed ikel. Il-kelma fuq fomm kulħadd, b'mod speċjali dawk li għandhom snin ta' servizz u ħadmu diversi elezzjonijiet kienet, "qatt ma niftakar li ħdimna elezzjoni ġenerali bħal din". Imma xi kultant il-pożittiv ninsewh malajr wisq.

Nixtieq nieħu din l-opportunità biex ngħid grazzi lil kull min ta s-sehem tiegħu biex it-tbatija u l-ħinijiet żejda f'dawn l-avvenimenti ġew eliminati, jalla dan il-pjan jibqa' jservu ta' mera għall-commitments futuri.

Din l-edizzjoni għandha tema internazzjonali, fejn filwaqt li l-Messaġġ tal-Kummissarju jiffoka dwar it-tiġdid ta' korpi tal-pulizija madwar id-dinja, iddedikajna wkoll żewġ artikli mikubin minn uffiċjali li kellhom opportunità ta' xogħol barra mill-pajjiż; wieħed dwar pulizija Malti li ħadem fil-Polonja u l-ieħor dwar pulizija Ġermaniż li qed jagħmel esperjenza ta' xogħol ġewwa pajjiżna.

Grazzi u l-Ħidma t-Tajba
Rodienne Bartolo Haidon
Editur

# Membri tal-bord


**President**
Spettur David Bugeja

**Editur**
Spettur Rodienne Bartolo Haidon

**Membri**
PS 2280 - Louise Busuttil
PC 2025 - Charlene Cilia
PC 2176 - Sloune Gatt Fabri
Jean Paul Vella

**Qari tal-Prova**
Spettur Rodienne Bartolo Haidon
PC 2019 - Daniela Grima Sultana

**Fotografija**
PC 920 - Clive Pace





*Ritratt mill-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni*


**Nota ta' ringrazzjament**

**Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt: Editur, "Il-Pulizija", Communications Office, Police Headquarters, Floriana, FRN 1530 jew *magazine.police@gov.mt***

**Disinn u Riklamar**

**ABILITY PUBLICATIONS LTD.**
**Tel: 21 241317**
**e-mail: abpublicationsltd@gmail.com**

**Stampar**
**GUTENBERG PRESS**

# Il-Messaġġ tal-Kummissarju



**It-Tiġdid fil-Korpi tal-Pulizija: Tema Internazzjonali**

Waqt li qed nikteb dan l-artiklu ninsab bejn sema u ilma nirritorna lura lejn Malta wara tlett ijiem ġewwa Dublin fl-Irlanda fejn kelli x-xorti niltaqa' ma' kollegi minn madwar il-globu għal djalogu miftuħ dwar trasformazzjonijiet f'korpi tal-pulizija u l-evoluzzjoni tal-kultura tal-pulizija.

Kien ta' unur u privileġġ li ġejt mistieden mill-International Association of Chiefs of Police (IACP), l-akbar u l-aktar assoċjazzjoni influwenti f'dan il-qasam b'aktar minn 32,000 membru minn 170 pajjiż, sabiex naqsam il-ħsibijiet tiegħi dwar l-esperjenzi tal-Korp tal-Pulizija Malti hekk kif għaddejjin minn tiġdid abbażi ta' strateġija li tkopri ħames snin. Din kienet opportunità unika sabiex stajt nifhem aħjar l-isfidi li jgħaddu minnhom organizzazzjonijiet bħal tagħna u kif dawn l-isfidi nistgħu ndawruhom f'opportunitajiet.

Flimkien ma' kapijiet u rappreżentanti għolja ta' korpi tal-pulizija prestiġġjużi, fosthom il-Metropolitan Police, ir-Royal Canadian Mounted Police (RCMP), l-An Garda Síochána (il-Pulizija Nazzjonali Irlandiża), in-New Zealand Police, il-Korps Nationale Politie (il-Pulizija Nazzjonali Olandiża), u s-Seattle Police Department (wieħed minn 18,000 korp tal-pulizija fl-Amerka), iddiskutejna l-importanza tal-fiduċja tal-poplu fl-istituzzjoni tal-Pulizija.

F'din il-konferenza kien hemm qbil unanimu li s-suċċess ta' korp tal-pulizija jitkejjel l-ewwel u fuq kollox mil-livell ta' fiduċja tal-pubbliku. Mingħajr din il-fiduċja, ma nistgħux b'mod effettiv ninterettaw mal-komunitajiet tagħna, ninvestigaw reati u fuq kollox nipprevjenu l-kriminalità. F'dan ir-rigward ġie enfasizzat li l-leġittimità tagħna ma tiġix biss mill-poteri hekk kif artikolati f'xi liġi jew oħra imma fuq kollox mill-approvazzjoni tal-pubbliku.

Kien f'dan il-kuntest li l-Korp tal-Pulizija Malti kien imfaħħar għall-viżjoni tiegħu, dik li l-pubbliku jafdana sabiex niggarantixxu soċjetà sikura għal kulħadd. U filwaqt li nifhem li xi inċidenti iżolati kultant jagħtu impressjoni mod ieħor, l-istatistika u l-fatti juru li pajjiżna huwa tassew pajjiż sikur, saħansitra fost l-aktar sikuri fid-dinja. U jekk qatt kelli xi dubju, dan il-fatt komplejt nikkonfermah matul id-diskussjonijiet profondi li kellna matul dawn it-tlett ijiem. Fl-istess waqt tassew sodisfatt li l-pubbliku qed jirrikonoxxi ħidmietna u r-riżultati miksuba bis-saħħa ta' kull wieħed u waħda minnkom.

U sabiex inkunu effettivi u allura nikkontribwixxu għal tkabbir fil-fiduċja, kien rikonoxxut li neħtieġu mhux biss uffiċjali ta' ħila imma fuq kollox persuni motivati anke fi żmien meta l-istituzzjonijiet tagħna jkunu għaddejjin mill-isfidi li ġġib magħha trasformazzjoni. Irrealizzajt kemm l-isfidi tagħna huma internazzjonali, sfidi li b'xi mod jew ieħor qed jaffaċjaw l-organizzazzjonijiet l-oħra madwar il-mejda u allura interessajt ruħi biex nifhem aħjar l-istrateġiji li dawn qed jaddottaw sabiex ikabbru l-motivazzjoni tan-nies tagħhom. F'dan il-kuntest stajt nifhem aħjar l-importanza li nibqgħu npoġġu lilkom il-membri tal-Korp fiċ-ċentru tal-operat tagħna u fi kwalunkè deċiżjonijiet meħuda.

Filwaqt li nirrikonoxxi li għad fadal ħafna xi jsir, konkretament fl-aħħar sentejn tajna prijorità assoluta lill-wellbeing tagħkom il-membri tal-Korp. Apparti servizzi professjonali ta' counselling, għaddejjin b'rinovar estensiv li l-Korp qatt ma esperjenza qabel. Fl-istess waqt nieħu gost nara li llum qed nagħmlu użu minn flotta ta' vetturi moderni li tassew tagħmel ġieħ lill-ħidma tagħna filwaqt li l-investiment fl-apparat, inkluż dak teknoloġiku, li jagħmel il-ħidma tagħna waħda aktar effettiva u effiċjenti, huwa wieħed bla preċedent.

Nifhem li dan it-tiġdid minnu nnifsu qed iwassal għal evoluzzjoni fil-kultura tal-Korp u allura napprezza wkoll l-isfidi li tiltaqgħu magħhom waqt li għaddejjin b'dawn l-inizjattivi. Xogħli u dawk ta' madwari huwa li naraw li niffaċilitaw dan it-tiġdid sabiex kemm jista' jkun l-esperjenza ta' kull wieħed u waħda minna aħna u għaddejjin minn din it-trasformazzjoni, tkun waħda pożittiva.

U ġaladarba qed insemmi l-investiment, irrid fuq kollox nenfasizza l-investiment fit-taħriġ li l-Korp qed jagħmel fikom il-membri tal-Korp. Proprju dan ix-xahar ser inkunu qed invaraw in-service training f'format ġdid mifrux fuq ħamest ijiem immirat prinċiparjament lejn il-frontliners tal-Korp sabiex is-servizz offrut ikompli jkun tal-ogħla kwalità. Fl-istess waqt għaddejja ħidma kbira, inkluż ma' entitajiet barranin sabiex it-taħriġ li jingħata lir-rekluti u sussegwentement it-taħriġ għall-promozzjonijiet ikun tassew jirrifletti l-ħtiġijiet tal-Korp u tal-karigi rispettivi.

Il-viżjoni tiegħi hija li fil-Korp ikollna leaders f'kull livell tal-organizzazzjoni. Irrid nara li l-uffiċjali tagħna, l-aktar dawk f'pożizzjonijiet għolja, ikunu leaders b'viżjoni u fl-istess waqt persuni empatiċi li jifhmu li kulħadd suġġett għall-iżball u li min ma jagħmel xejn ma jiżbaljax. U allura filwaqt li huwa importanti li nikkoreġu lil dak li jkun bil-għan li ntejbu s-servizz offrut, ser inkun qed nagħmel enfasi ikbar fuq il-ħtieġa li nedukaw u nimmotivaw lin-nies tagħna filwaqt li ninkoraġġixxu lill-membri tagħna joħorġu b'inizjattivi ġodda.

Minn qalbi nirringrazzja lil kull wieħed u waħda minnkom għall-inizjattivi li qed tieħdu biex nibqgħu niġġeddu flimkien sabiex tassew ikollna Korp tal-Pulizija professjonali u fdat mill-poplu Malti u Għawdxi.

*DOMINE DIRIGE NOS*


IXTRI
U IKRI!
APPLIKA ONLINE
Kellimna | bov.com/homeloan | @bovofficial
Is-self kollu huwa suġġett għall-kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-Bank of Valletta. It-terminu tas-self ma jistax jaqbeż l-età tal-irtirar. Il-Bank of Valletta p.l.c. hija regolata mill-MFSA u liċenzjata biex toffri l-Kummerċ Bankarju f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta).
BOV
Bank of Valletta

# Dan l-aħħar

minn PC 2025 Charlene Cilia – Uffiċċju tal-Komunikazzjoni

Wara sentejn sa fl-aħħar erġajna ġejna għan-normal. Minkejja li kif dejjem għedna għalina x-xogħol baqa' għaddej jekk mhux żdied... biss però konna ristretti minn attivitajiet fejn niltaqgħu bejnietna u anki man-nies. U propju din is-sena erġajna bdejna niċċelebraw Jum il-Pulizija bir-riċevimenti li tista' tgħid ikunu mistennija għax tieħu gost li tkun ma' ħbieb u kollegi f'atmosfera daqxejn aktar rilassata. Sintendi, il-qofol ta' kollox ikun fil-ġurnata tat-12 ta' Lulju fejn ġiet konċelebrata quddiesa mill-Eċċelenza tiegħu l-Arċisqof ta' Malta ġewwa l-Katidral ta' San Ġwann u li għaliha attendew l-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta Dr George Vella flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija u bosta uffiċjali għolja u persuni distinti mill-Korp u mill-Istat.

Erġajna qbadna ritmu wkoll f'dawk l-attivitajiet fejn niltaqgħu man-nies b'mod differenti. Għax ngħiduha kif inhi, għad hawn naqra ta' mentalità li jekk javviċinak Pulizija jfisser ġej l-inkwiet. U allura dawn il-Community Engagement Events li saru dan l-aħħar fil-Belt Valletta, oħra Raħal Ġdid, Ħ'Attard u l-aħħar waħda ġewwa Birżebbuġa qed jgħinu ħafna biex il-poplu jifhem aktar ix-xogħol tagħna, jgħina noffru servizz aħjar, jagħtuna ċans nuruhom x'noffru u anki fejn ħa jkollhom bżonn ħa jsibu l-għajnuna tagħna. F'dawn l-avvenimenti, li jkunu mifruxa fuq in-nofs ta nhar ta' filgħodu jagħtu s-sehem tagħhom diversi skwadri, li huma: is-sezzjoni tal-Kavallerija u tal-Klieb, il-Pulizija tal-Komunità, id-Dipartiment tal-Forensika, l-Iskwadra tar-Rapid Intervention Unit u l-Iskwadra tal-Ispecial Intervention Unit. Apparti l-fatt li wieħed għandu ċ-ċans jitkellem mal-Pulizija, jintramaw ukoll wirjiet żgħar t'apparat li jintuża fix-xogħol fosthom dak forensiku, kif ukoll wirja żgħira ta' armi min-naħa tal-SIU li tiġbed interess mhux ħazin speċjalment minn dawk li jkunu dilettanti. Sintendi t-tfal il-gost tagħhom xħin jaraw il-klieb u ma ninsewx imbagħad lil dawk is-subien li malli jaraw il-vettura tal-Pulizija wiċċhom jixgħel.

Dawn l-attivitajiet mistennija jibdew isiru kull xahar f'lokalitajiet differenti u jekk issegwu l-paġna tagħna tal-facebook issibu l-informazzjoni kollha fuq meta u fejn ħa tkun qed issir l-attività li jmiss.

Attivitajiet li jiġu organizzati mill-Korp tal-Pulizija dejjem qanqlu l-interess tan-nies fosthom fit-tfal. Issa jekk hux minħabba l-karozzi, l-armi jew anki l-azzjoni li fih ix-xogħol tagħna, meta imbagħad jitħallat mal-immaġinazzjoni tat-tfal joħloq dinja oħra għalihom. U kien fil-fatt għalhekk li l-Korp tal-Pulizija talab l-għajnuna tat-tfal fuq proġett li ħa jwassal għal xi ħaġa li ħa jgawdu minnha t-tfal stess.




















Ftit taż-żmien ilu, il-Korp tal-Pulizija għamel avviż fuq il-mezzi soċjali tiegħu fejn it-tfal ġew mitluba sabiex ipinġu stampa li jridu huma, imbasta tkun relatata mal-Pulizija u jgħadduhielna. Ir-rispons kien wieħed qawwi u l-ammont ta' tpinġijiet li rċevejna kien kbir mhux ħażin. Minn dawn intagħżlu 17–il tpinġija li bihom mistenni jinħadem colouring book.

It-tfal li t-tpinġijiet tagħhom intagħżlu ġew imsejħa ġewwa l-Għassa Birkirkara nhar it-Tnejn 18 ta' Lulju sabiex jingħataw ċertifikat. L-Ispettur Joseph Busuttil flimkien mal-Ispettur Sylvana Gafà taw merħba lil dawn it-tfal billi organizzawlhom ftit attivitajiet relatati max-xogħol tal-Pulizija. Fil-fatt uffiċjali mit-Taqsima tal-Forensika kif ukoll mis-Sezzjoni tal-Klieb kienu preżenti u tkellmu mat-tfal fejn anki għamlu xi attivitajiet flimkien. Wara dan huma ngħataw iċ-ċertifikat fejn propju hemmhekk skoprew liema tliet tpinġijiet ġew fl-ewwel postijiet. Fit-tielet post kien hemm Martina Catanzaro, fit-tieni post Mikela Barun u fl-ewwel post Ben Debono. Dawn ingħataw rigal li ġentilment ġew offruti minn Agenda Bookshop, Copyserv u Cousins Toy Shop.

Nirringrazzjaw lis-Supretendent Robert Vella talli ospita lit-tfal flimkien mal-ġenituri tagħhom sabiex din l-attività setgħet issir, lill-Ispetturi Joseph Busuttil u Sylvana Gafà ta' din l-inizjattiva ferm oriġinali u fl-aħħar u mhux l-inqas lit-tfal kollha li ħadu sehem. Mingħajrhom dan il-proġett ma kienx ikun possibbli.

Fix-xhur ta' Ġunju u Lulju ta' din is-sena ospitajna f'diversi sezzjonijiet, lis-Segretarju Permanenti Ewlieni s-Sur Tony Sultana, kif ukoll lis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza s-Sur Emmanuel Psaila.

Is-Sur Tony Sultana ġie milqugħ mill-Kummissarju tal-Pulizija flimkien ma' diversi uffiċjali għolja fil-Korp, ġewwa d-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet tar-Reati Finanzjarji (FCID) nhar il-15 ta' Ġunju 2022. Kienet opportunita' sabiex jiltaqa' mal-uffiċjali kemm li jaħdmu f'din l-iskwadra kif ukoll minn sezzjonijiet oħra bħad-distrett, K9 u sezzjoni tat-Traffiku fost oħrajn, li kienu preżenti għal din iż-żjara.

Fid-29 ta' Ġunju, 2022, imbagħad ġie jżur il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija s-Sur Emmanuel Psaila. Wara laqgħa u preżentazzjoni mis-Sur Angelo Gafà – Kummissarju tal-Pulizija, fil-preżenza ta' diversi uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp, is-Sur Psaila żar diversi sezzjonijiet u uffiċini, fosthom il-Control Room, id-Dipartiment tar-Reati Maġġuri, GBDVU, IRU, Forensika, Lock up, Cyber Crime kif ukoll l-SME. Minn hemm imbagħad mar iżur lit-tim tal-Pulizija tal-Komunità tal-Furjana kif ukoll l-Għassa tal-Belt Valletta.



Get together.
SINCE 1929
CISK
SINCE 1929
CISK
drinkawaremalta.com
for the facts

# Esperjenza ta’ xogħol ġewwa l-Polonja

minn PC 106 Clayton Abela

Għal dawk li mhumiex familjari mal-Aġenzija Frontex, din hija l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta li għandha l-kwartieri ġenerali tagħha fil-Polonja. Din hija waħda mill-aġenziji li tikkontribwixxi għall-isforzi tal-UE biex jissalvagwardjaw iż-żona ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja. L-aġenzija tagħti prijorità lill-fruntieri esterni tal-Ewropa u għandha rwol kritiku fil-ġlieda kontra l-kriminalità, mhux biss fi ksur relatat mal-immigrazzjoni, iżda wkoll f’forom oħra ta’ kriminalità bħall-kuntrabandu ta’ droga, armi, u karozzi misruqa, it-traffikar tal-bnedmin, u l-kuntrabandu tal-persuni.

Wara sejħa għall-applikazzjonijiet maħruġa mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, applikajt u kelli x-xorti li ġejt aċċettat u skjerat mal-Frontex Standing Corps. Għażilt li noffri s-servizzi tiegħi għal dmirijiet ta’ Kategorija 3 u ġejt dettaljat biex naħdem fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Praga għal 4 xhur, u cioè mis-6 ta’ Ottubru 2021 sas-26 ta’ Jannar 2022. L-uffiċjali tal-Istanding Corps tal-Frontex huma preżenti f’diversi postijiet fejn il-pajjiżi Ewropej ikunu jeħtieġu assistenza fil-fruntieri tagħhom, u dawn l-entitajiet jaħdmu b’kollaborazzjoni mal-Frontex biex l-Ewropa ssir post aktar sikur.



Il-Korp Permanenti tal-Frontex huwa maqsum f’erba’ kategoriji. L-ewwel kategorija tikkonsisti f’uffiċjali impjegati direttament mill-Frontex. It-tieni kategorija tinkludi uffiċjali nazzjonali ssekondati mal-Frontex għal mill-inqas sentejn (long-term), filwaqt li t-tielet kategorija tinkludi uffiċjali nazzjonali skjerati għall-operazzjonijiet tal-Aġenzija għal perjodi iqsar ta’ żmien, tipikament diversi xhur u ġeneralment erba’ xhur (short-term). Hemm ukoll ir-raba’ kategorija li dawk nominati jkunu riservisti li jintużaw f’każ ta’ skjerament ta’ malajr. Il-Frontex se tkun timpjega 10,000 uffiċjal tal-gwardja tal-fruntiera u tal-kosta fis-snin li ġejjin, bl-iskop uniku li tassisti lill-pajjiżi Ewropej fil-kontroll tal-fruntieri u l-ġestjoni tal-migrazzjoni.

Abbażi tal-esperjenza preċedenti tiegħi mal-Pulizija ta’ Malta, għażilt il-profil bħala uffiċjal ta’ kontrolli fil-fruntieri fl-ewwel linja, taħt il-Kategorija 3. Hemm diversi profili ta’ uffiċjali rilevanti li għandhom ikunu disponibbli għat-Timijiet Ewropej tal-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, mhux biss għall-gwardji tal-fruntiera, bħal fil-każ tiegħi. Id-dmirijiet tiegħi ta’ kuljum fl-ajruport kienu jinkludu li twettieq ta’ kontrolli tal-ewwel linja fuq passiġġieri, kontroll fiż-żona tal-wasla fit-terminal, kontrolli tat-tieni linja, li huma kontrolli f’aktar dettal fuq passiġġieri li jaslu mill-pajjiżi kollha li mhumiex parti miż-żona Schengen. Barra minn dan, kont inkarigat, għal ħafna żmien waqt ix-xogħol tiegħi, biex inwettaq xogħol ta’ ALDO (Advanced Level Document Examination Officer), liema xogħol wettaqt bl-akbar responsabbilità u sodisfazzjon. Ħejjejt ukoll rapporti ta’ kuljum għall-Frontex dwar kwistjonijiet importanti ta’ immigrazzjoni li ltqajt magħhom, rapporti li waslu minn terzi u l-azzjonijiet li ġew meħuda. Dan minbarra l-lista ad hoc ta’ dmirijiet oħra li l-Uffiċjali tal-Ewwel Linja li jaħdmu fil-punti ta’ qsim tal-fruntieri jkollhom.

Ix-xogħol kien simili ħafna għal dak li ġejt assenjat waqt li kont stazzjonat fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta għax teknikament il-proceduri fiż-żona Schengen huma uniformi. Naturalment, kont nirrapporta dwar xogħli lill-uffiċjali tal-pulizija Ċeki u lill-uffiċjali inkarigati tal-Frontex, li kollha pprovdewni bit-taħriġ u d-direzzjoni meħtieġa biex inwettaq dmirijieti b'mod effiċjenti u effettiv. Li taħdem barra minn pajjiżek tesponik aktar regulari għal dawk it-titjiriet li jkunu ta' riskju għoli u li jintużaw bħala rotot ta' migrazzjoni irregulari, kif ukoll tiltaqa' ma' sfidi reġjonali u li jeħtieġu approċċi differenti għal sitwazzjonijiet. Dan jippermettilek li tifhem aktar u titratta aħjar id-diversi kwistjonijiet li tiltaqa'magħhom u ttejjeb l-approċċ tiegħek għas-soluzzjoni tal-problemi. B'hekk tkun tista' tutilizza dawk il-ħiliet u l-għarfien meta terġa' lura u tkompli x-xogħol normali tiegħek ġewwa Malta.

B'mod ġenerali, kienet esperjenza sabiħa li fiha ltqajt ma' uffiċjali tal-fruntiera minn diversi pajjiżi. Dik l-interazzjoni tatni perspettiva aktar wiesa' u varja dwar kwistjonijiet ta' immigrazzjoni, u nemmen għenitni nwettaq aħjar ix-xogħol tiegħi meta rritornajt f'Malta. Kont ħerqan għal opportunitajiet simili, u opportunità li erġajt ħadt wara l-ewwel esperjenza anke għax nemmen illi dawn l-iskjeramenti jgħinu lill-uffiċjali tal-pulizija fl-iżvilupp personali u professjonali tagħhom, b'mod li ma jistax jiġi replikat f'ambjent ta' klassi.

Hija tassew esperjenza ta' sodisfazzjon. Il-fatt li tkun parti mill-Korp Permanenti hija bidla notevoli għalikom infuskom, għas-servizz tal-pulizija, u għal servizzi oħra tas-sigurtà Ewropea, kif ukoll sors ta' kburija mhux biss tkun għent biex tipproteġi lil Malta iżda wkoll il-fruntieri tal-UE b'mod ġenerali. Ninsab kunfidenti li ħafna nies għandhom ħiliet li jidħlu f'wieħed mill-profili meħtieġa mill-Frontex u nemmen li għandhom jieħdu vantaġġ ta' dawn l-opportunitajiet.




# Esperjenza ta’ xogħol ġewwa Malta

minn Guest Officer Markus Löffler



Kif spejgat fl-artiklu preċedenti, llum il-ġurnata, hemm diversi opportunitajiet sabiex uffiċjali tal-Pulizija minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea jkollhom esperjenza ta’ xogħol barra pajjiżhom, kemm għal perjodu ta’ żmien qasir u kif ukoll fit-tul. Il-possibbiltajiet li wieħed jista’ jiġi offrut, ivarjaw anki skont l-esperjenza tal-uffiċjal u wieħed jista’ jirrappreżenta l-awtorità kompetenti ta’pajjiż kemm bħala Liasion Officer, kif ukoll f’istituzzjonijiet internazzjonali bħal UN mission jew f’aġenzija Ewropea bħall-EUROPOL.

Permezz ta’ dan l-artiklu ħa nwassal ftit informazzjoni fuq il-EUROPOL, forsi anki nqanqal iktar interess dwar x’jagħmel uffiċjal li jkun EUROPOL Guest Officer, b’mod partikolari fejn jidħol sapport li jingħata lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Jisimni Markus Löffler, għandi 44 sena, u bħalissa qiegħed issekondat mill-Pulizija Federali Ġermaniza bħala Guest Officer ma’ Europol Malta.

Il-karriera tiegħi bdiet fl-1994 bħala kandidat surġent mal-Pulizija Ġermaniża, fejn wara diversi studji ġewwa l-German Federal Criminal Office (BKA), fl-2004 ġejt promoss bħala investigatur kif ukoll team leader fi ħdan id-Dipartiment tal-Investigazzjoni ġewwa l-Kwartieri tal-Federal Police Region li jinsab fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Frankfurt.

Ir-responsabbiltajiet tiegħi fil-kariga bħala Chief Inspector kienu jinvolvu l-iktar investigazzjonijiet fuq kriminalità organizzata relatata ma’ immigrazzjoni illegali, frodi ta’ dokumenti, cybercrime u kif ukoll investigazzjonijiet finanzjarji u skambju internazzjonali ta’ informazzjoni.

Addizzjonalment, tajt taħriġ dwar il-kriminoloġija lil kandidati għall-surġent tal-Pulizija fil-Federal Police Training Centre f’Bamberg u fuq livell internazzjonali ksibt diversi esperjenzi mal-Europol, riċentament bħala Guest Officer fil-Greċja, Ċipru u Malta.

Kien propju fl-2017 meta sejħa fuq is-sit tal-EUROPOL ġibdet l-attenzjoni tiegħi u applikajt b’suċċess bħala Guest Officer. Dan il-kunċett ta’ Guest Officer ġie implimentat fuq deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew wara l-attakk terroristiku li seħħ f’Pariġi fl-2015 kif ukoll minħabba l-influss qawwi ta’ migrazzjoni ġewwa l-Mediterran, fl-istess sena.



F’konformità mal-mandat tal-Europol, dan il-kunċett huwa immirat sabiex jiġu identifikati terroristi potenzjali u kriminali fi stadju bikri ħafna, filwaqt li jkunu deħlin fl-Ewropa u biex tinġabar informazzjoni dwar netwerks kriminali/terroristiċi li jisfruttaw l-immigrazzjoni għall-iskopjiet tagħhom.

L-ewwel ingaġġ ta' Guest Officers sar ġewwa l-Greċja u l-Italja fis-sena 2017 u wara ġie estiż ġewwa Ċipru, Malta u l-Litwanja. Riċentament żdiedu Slovakja, l-Ungerija, ir-Rumanija, u l-Moldova u dan minħabba l-kriżi li għaddejja bejn ir-Russja u l-Ukraina.

Prinċipalment, dan iseħħ permezz ta' kontrolli fuq il-post skont databases tal-EUROPOL, fejn issir enfasi fuq terroriżmu, immigrazzjoni illegali/traffikar ta' persuni (THB) u frodi ta' dokumenti fuq bażi ta' informazzjoni provduta mill-pajjiżi ospitanti u li joriġinaw minn postijiet rilevanti differenti, preżenti f'hotspots ta' migrazzjoni u żoni ta' interess bħad-dipartimenti tal-Pulizija, il-Coast Guard, l-Armata u aġenziji Ewropej bħall-FRONTEX jew EUAA.

Ix-xogħol ta' dawn l-uffiċjali barranin isir f'dipartimenti li jkunu ġew deċiżi fil-ftehim li jkun sar bejn il-pajjiżi konċernati. Fil-każ ta' Malta, ix-xogħol qed isir ġewwa l-Counter Terrorism Unit (CTU). Sabiex nagħmlu Security Secondary Checks (SSCs), l-uffiċini tagħna huma mgħammra b'laptops li jassiguraw aċċess sikur għad-databases tal-Europol. Dan l-apparat jinkludi wkoll Universal Forensic Extraction Device li bih tista' testratta informazzjoni minn mobile phones varji. Apparat ieħor jinkludi laptop forensiku u document reader sabiex jiġu ċċekkjati d-dokumenti tal-identità.

Wara l-esperjenzi tiegħi f'pajjiżi differenti bħalma huma l-Greċja, Ċipru u fil-preżent ġewwa Malta, b'sodisfazzjon ngħid li dawn għenuni sabiex nibni esperjenzi b'perspettivi u sitwazzjonijiet differenti. Ovvjament, dawn jinkludu ħidma f'ambjenti internazzjonali fejn sirt iktar midħla ta' kulturi barranin. L-esperjenzi jippermettuli li nespandi l-orrizont personali tiegħi speċifikament fuq l-infurzar tal-liġi fuq livell Ewropew, filwaqt li nikseb iżjed għarfien fuq tasks u servizzi tal-Europol biex b'hekk nista' nikkontribwixxi iktar f'każijiet tal-Federal Police Investigation Department, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Frankfurt.

Għalhekk inħares 'il quddiem għall-isfidi li se nsib f'deployments futuri.

*(artiklu maqlub għall-Malti mill-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni)*




enemed
BAY 1
BAY 2
BAY 3
BAY 4
POWERING YOUR DRIVE
www.enemed.com.mt


ALL NEW DACIA JOGGER
The 7-seater family car reinvented
DACIA
JOGGER
DACIA SANDERO
DACIA SANDERO STEPWAY
DACIA DUSTER
5 year Service Plan also available.
KIND'S
AUTO SALES LTD
Mosta Road, Lija, Malta. Tel: 21433601
Mgarr Road, Xewkija, Gozo. Tel: 21550962
Email: sales@autosales.com.mt
Kind's | www.autosales.com.mt
acim
ASSOCIATION of CAR IMPORTERS MALTA
Here Today. Here Tomorrow

# IMAGINE AN ARMOURY WHERE YOU CAN FIND ALL TYPES OF FIREARMS AND ACCESSORIES



MP44, 7.92x33mm
J.P. Sauer & Sohn
Germany 1944

## from antique, historical and rare collector arms



SIG MCX, 5.56x45mm
SIG SAUER INC.
USA 2022

## to top brands with the most advanced technology

## backed by profound knowledge and experience guaranteeing a sound investment

## VISIT US TO DISCOVER MALTA'S FINEST SELECTION

LSB Armoury purchases collections and provides professional advice, valuations, restoration as well as film and theatre armourer services

Lock, Stock & Barrel

**LOCK, STOCK & BARREL Armoury**
Phoenix Business Centre, 23, Triq il-Blata l-Kahla, Sta. Venera SVR 9022, Malta
Tel: 2148 0118 • Mob: 9947 1091
e-mail: info@lsb-malta.com • web: www.lsb-malta.com

# Q & A

Minn Dr. Mary Muscat

**Din ir-rubrika hi ntiża sabiex twieġeb domandi tal-qarrejja dwar il-liġi kriminali jew xi prattika marbuta mal-ġustizzja kriminali.**

**Il-korrispondenza tista' tintbagħat lili direttament fuq muscatdrmary@gmail.com**



**Mistoqsija:**

Jiena qed ngħix ma' partner wara li ddivorzja, u rrid inkun naf kif taffetwana l-liġi tal-koabitazzjoni. Veru li rridu nagħmlu kuntratt?

**Tweġiba:**

Il-liġi tal-koabitazzjoni oriġinarjament daħħlet fis-seħħ f'April tal-2017 permezz ta' Kap 571, iżda din tneħħiet għal kollox u ħaditilha postha Kap 614 f'Ġunju 2020. Dan hu fatt importanti li rridu narawh fid-dettall anki peress li laħqu nħolqu ċerta mekkaniżmi u ideat li peress li m'għadhomx jeżistu fil-liġi, allura tinħoloq konfużjoni sakemm tiġi aċċettata l-bidla.

Kien hemm xi affarijiet fil-liġi oriġinali li ma kinux prattiċi, bħad-distinzjoni li nħolqot bejn koabitanti li kellhom kuntratt notarili u li allura kienu mniżżla fir-reġistru tal-koabitanti, u oħrajn li ma kellhomx, f'dik li kienet riferuta bħala "koabitazzjoni de facto". Waħda kienet "de jure", regolata permezz tal-kuntratt, u l-oħra ta' mingħajr kuntratt kienet "de facto". Fil-fatt, kien hemm il-possibilità li min m'għandux kuntratt jiġi meqjus li hu xorta koabitant wara li jkunu skadew sentejn għax Kap 571 hekk kien stabilixxa, imma fil-verità din kienet sitwazzjoni li diffiċli tistabiliha u tgħid eżattament meta nbdiet il-koabitazzjoni għal finijiet legali. Allura kien hemm il-bżonn li l-liġi prattikament tinkiteb mill-ġdid.

Anki t-terminoloġija nbidlet. Pereżempju, id-dar tal-koabitanti f'Kap 571 kienet tissejjaħ "dar ordinarja, primarja, komuni" mentri issa f'Kap 614 nsibuha bħala "dar tal-koabitazzjoni". Anki t-terminu "koabitant" issa nbidel għal "persuna illi kontinwament u abitwalment tgħix ma' persuna oħra fid-dar tal-koabitazzjoni bħala koppja, u li mal-istess persuna, tkun daħlet f'att pubbliku ta' koabitazzjoni, u li mhux diġà legalment marbuta ma' persuna oħra." Qabel id-definizzjoni kienet tgħid li basta li "tgħix ma' persuna oħra f'dar ordinarja, primarja, komuni, li magħha jkollha relazzjoni intima u li flimkien iżommu lilhom infushom bħala koppja."

Bil-liġi l-ġdida, biex Nutar jaċċetta li jipproċedi bil-kuntratt, minbarra li jkollu l-kuntratti u d-digrieti kollha tal-Qorti relatati ma' separazzjonijiet, divorzji u annullament, inkluż tħassir ta' kuntratti oħra preċedenti ta' koabitazzjoni, irid ikollu dak li jissejjaħ "ċertifikat ta' status liberu" li jkun juri l-ineżistenza ta' reġistrazzjoni

ta' xi żwieġ jew koabitazzjoni, fost l-oħrajn, wara li jkunu saru r-riċerki fl-istess Reġistru Pubbliku. Il-partijiet xorta għandhom jagħmlu d-dikjarazzjonijiet tagħhom quddiem l-istess Nutar li jekk kellhomx xi koabitazzjoni eċċ qabel li dan kien xolt.

Bil-liġi l-ġdida, fil-kuntratt notarili trid tiġi indikata wkoll liema liġi se tapplika f'każ li hemm koabitant li mhux Malti.

Il-kuntratt se jitkellem dwar il-komunjoni tal-assi, li hi l-ekwivalenti tal-komunjoni tal-akkwisti tal-miżżewġin biex nifthemu sew. Irid ikun hemm spjegazzjoni rigward id-dar tal-koabitazzjoni, immobbli u mobbli tal-koabitanti, kif ukoll assi u djun. Dan huwa importanti f'każ li jkun hemm tfal minn relazzjonijiet oħra li jridu jgħixu fid-dar ta' koabitazzjoni, u anki rigward meta jiġi nieqes wieħed mill-koabitanti speċjalment meta d-dar tkun propjetà tiegħu. Il-kuntratt jagħmel riferenza għal kuntratti u digrieti oħra fejn jidħlu drittijiet ta' terzi.

**Id-drittjiet akkwistati permezz tal-koabitazzjoni huma dawn:**
i. Id-dritt tal-abitazzjoni tal-koabitant, u fejn hu permess, id-dritt ta' abitazzjoni tat-tfal tal-koabitant fejn id-dar mhix propjetà tiegħu, dejjem skont kuntratti u digrieti oħra tal-Qorti

ii. Id-dritt li koabitant ikun meqjus bħala inkwilin f'kuntratt ta' kirja tal-post tal-abitazzjoni

iii. Drittijiet ekwivalenti għal min hu miżżewweġ jew f'unjoni ċivili fejn tidħol familja u xogħol, inkluż leave kif mogħtija minn liġijiet oħra u prassi, iżda jkun "eskluż però d-dritt tal-leave sabiex wieħed jakkumpanja s-sieħeb tiegħu fuq korsijiet barra minn Malta sponsorjati mill-gvern."

iv. Id-dritt li jittieħdu deċiżjonijiet dwar kura medika tal-koabitant l-ieħor

v. Wara li jiġi nieqes wieħed mill-koabitanti, d-dritt ta' abitazzjoni għal tnax-il xahar fid-dar tal-koabitazzjoni meta din tkun propjetà tal-koabitant li ġie nieqes.

vi. d-dritt għal għajuna soċjali, ta' mard u diżimpjieg, pensjoni tal-età u tar-romol kif ukoll benefiċċji oħra jekk ikun il-każ bħal dawk riżervati għal foster carers, maternità, u diżabilità

Id-dritt li kien jeżisti f'Kap 571 li tneħħa minn Kap 614 hu li l-koabitant jitqies bħala membru tal-familja f'każ ta' kiri tar-raba' skont Kap 199. Tneħħiet ukoll il-possibbilità li koabitant li jibqa' superstiti tal-koabitant li jkun miet, mingħajr ma dan ikollu testment, li s-superstiti jirċievi l-porzjoni leġittima għalkemm japplikaw il-proviżjonijiet tal-Kodiċi Ċivili. Tneħħew ukoll il-klawsoli ta' proċedura li kellu jsegwi koabitant fil-każ li l-koabitant l-ieħor ma riedx jidħol f'kuntratt ta' koabitazzjoni.

Bħal fiż-żwieġ, il-koabitanti għandhom l-obbligu li jsostnu lil xulxin moralment u materjalment, skont il-ħiliet u l-abilitajiet tagħhom, u kif jirrikjedu l-interessi u l-bżonnijiet tal-familja fformata mill-koabitazzjoni. Dan tal-aħħar jieqaf, bħala obbligu, max-xoljiment tal-koabitazzjoni fejn l-ulied mhumiex tal-koabitant, għaliex fejn hemm ulied tal-koabitanti, imbagħad hemm l-obbligi stabbiliti f'Kap 16.

# Is-Saħħa Mentali

Employee Support Programme Unit

Is-saħħa mentali hija aspett importanti f'ħajjitna għax tinkludi l-benesseri emozzjonali, psikoloġiku u soċjali tagħna. Hija l-pedament għall-emozzjonijiet, il-ħsibijiet, il-komunikazzjoni, it-tagħlim, ir-reżiljenza u l-istima personali. Is-saħħa mentali tiddetermina l-ħila tagħna li nkampaw mal-isfidi ta' kuljum u taffettwa kif naħsbu, kif inħossuna u kif naġixxu meta nissiltu mal-esperjenzi tal-ħajja. Is-saħħa mentali hija wkoll essenzjali għar-relazzjonijiet tajbin, il-benessri personali u emozzjonali, u l-kontribut lejn il-komunità jew is-soċjetà.

Inizjalment is-saħħa mentali kienet definita bħala n-nuqqas ta' mard mentali. Madankollu ġie rikonoxxut li s-saħħa mentali hija ħafna aktar kumplessa. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tiddefinixxi s-saħħa mentali bħala "stat ta' benesseri li fih l-individwu jirrealizza l-kapaċitajiet tiegħu stess, kapaċi jlaħħaq mal-istress normali tal-ħajja, jaħdem b'mod effettiv u produttiv, u kapaċi jagħmel kontribut lill-komunità tiegħu jew tagħha".

Is-saħħa mentali ma titkejjilx billi tkun dejjem pożittiva u produttiva. Ilkoll għandna jew kellna l-perjodi tagħna li nħossuna mdejqa, ma nifilħux, irrabjati jew mhux kuntenti, u din hija parti mill-ħajja ta' kull bniedem.

Is-saħħa mentali tagħna hija kontinwament affettwata mil-isfidi ta' kuljum u s-sitwazzjonijiet stressanti li kontinwament ikollna niffaċċjaw. Bħala uffiċjal tal-pulizija inti mistenni li tiffaċċja l-periklu u l-istress tax-xogħol tiegħek u wkoll l-isfidi tax-xiftijiet u sigħat twal. Waħda mill-akbar sfidi tista' tkun it-taqbida biex tipprova ssib bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tiegħek. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas hija l-isfida li jiffaċċja lill-pubbliku bit-talbiet kollha tiegħu u xi drabi nuqqas ta' rispett meta inti personali tista' tkun għaddej minn sitwazzjonijiet diffiċli u tissielet biex tlaħħaq mas-sitwazzjonijiet tal-ħajja tiegħek.

Tliet komponenti tas-saħħa mentali huma:

• Tirregola l-emozzjonijiet - il-kapaċità li wieħed jagħraf, jesprimi u jirregola l-emozzjonijiet, hija meqjusa bħala komponent importanti tas-saħħa mentali. Din il-kapaċità tgħin ħafna biex nadattaw tajjeb għall-istress li nesperjenzaw.

• Empatija – il-ħila li tesperjenza u tifhem dak li jħoss ħaddieħor mingħajr konfużjoni billi niddistingwi bejn dak li nkun qed inħoss jien u dak li jħoss ħaddieħor.

• Flessibilità - il-ħila li nkampaw ma' sitwazzjonijiet koroh, li nadattaw għal sitwazzjonijiet fil-ħajja billi nkunu lesti nibdlu l-ideat u l-kors ta' azzjoni tagħna.




Il-fatt li xi ħadd ma jkunx qed jesperjenza kundizzjoni ta' nuqqas ta' saħħa mentali mhux bilfors ifisser li s-saħħa mentali tal-persuna qed tiffjorixxi. Bl-istess mod, huwa possibbli li xi ħadd ikun qed ibati minn xi kundizzjoni ta' nuqqas ta' saħħa mentali filwaqt li xorta jiffunzjona tajjeb f'ħafna aspetti tal-ħajja.

Ħafna nies li jbatu minn xi kundizzjonijiet ta' nuqqas ta' saħħa mentali jagħżlu li ma jitkellmux dwarha. Imma l-mard mentali mhuwiex tal-mistħija iżda kundizzjoni medika, bħall-mard tal-qalb jew id-dijabete. Illum il-ġurnata nsibu appoġġ u trattamenti li jgħinu lin-nies jimmaniġġjaw b'suċċess il-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali.

Relazzjonijiet pożittivi u sinifikanti huma aspett importanti tas-saħħa mentali u partikolarment jikkontribwixxu għar-reżistenza kontra d-dwejjaq u d-diffikultajiet tal-ħajja. Relazzjonijiet pożittivi u li tkun parti minn komunità huma essenzjali biex tinżamm is-saħħa mentali, kif ukoll jikkontribwixxu b'mod pożittiv fl-irkupru ta' min ikun qed jesperjenza nuqqas ta' saħħa mentali.

L-Employee Support Programme (ESP) jipprovdi għajnuna professjonali għal min qiegħed jesperjenza diffikultajiet simili kif ukoll diffikultajiet oħra personali jew relatati max-xogħol li qed jaffettwaw il-benesseri tal-individwu.

Tista' titlob iktar informazzjoni jew tagħmel appuntament billi ċċempel fuq 2200 1210, tibgħat e-mail fuq esp.opm@gov.mt jew iżżur is-sit elettroniku www.esp.gov.mt Is-servizz huwa kunfidenzjali u mingħajr ħlas għall-impjegati pubbliċi.

European Week for Waste Reduction

# CIRCULAR & SUSTAINABLE TEXTILES

## Waste is out of fashion!



19-27 November 2022

Register your action now

@ewwrmalta wsm.com.mt

EUROPEAN WEEK FOR WASTE REDUCTION

20 YEARS WASTESERV


ZINGA
EXTREME ENVIRONMENTS DEMAND
SUPERIOR PROTECTION
www.zinga.eu
AVAILABLE FROM
JMV
BUILDING SOLUTIONS
J M VASSALLO VIBRO STEEL LIMITED
MDINA ROAD, ZEBBUG – ZBG 9019, MALTA
TEL: +356 21 467 421 - FAX: +356 21 465 202
Email: sales@jmvibro.com
www.jmvibro.com
ZINGA
GALVANISING SYSTEM


Complete Road Construction
is Our Profession.
Asphalt Production
Asphalt Paving
Construction of Footpath
Special Structure
Under Ground Infrastructure
Concrete Suppliers
Recycle Material
Street Furniture
Line Marking
Philip Agius
& Sons Ltd.
TA'MAKSAR • CONTRACTORS
The Plant, Mdina Road, Żebbuġ ZBG 4103
Tel: 2146 5758 / 9949 3551 Email: marius@maksar.com
ABICert
the certification company
UNI ISO 9001:2015
Certificate no. QBC658

POU GWU
Police Officers Union

Minn Steve Spiteri – Viċi President

Fl-ewwel kwart ta' din is-sena l-pajjiż reġa' ġie bżonn il-Korp tal-Pulizija. Fi żmien ħmistax kellna żewġ avvenimenti kbar, l-Elezzjoni Ġenerali u l-miġja tal-Papa. Bla dubju ta' xejn il-Korp reġa' ħareġ bl-unuri u dan żgur grazzi għalikom il-membri tal-Korp.

Ma tistax ma ssemmix il-mod kif ħadem il-Korp u l-avvanz fil-kwalità tal-ordnar. Li wieħed jaf fejn ħa jkun xogħol minn ġimgħa qabel u ħafna mill-postijiet saħansitra kienu jafu l-ħinijiet tagħhom, hija qabża kbira fil-kwalità tat-tmexxija. Fadal xi jsir, eżempju fil-każ ta' elezzjoni għandu jkun hemm ħinijiet speċifiċi lill-uffiċjali li jkunu xogħol mal-iskejjel.

Wara diskussjonijiet ma' kull min kien ikkonċernat illum għandna l-part timers (RPCs) li min jaħdem xi tip ta' shift qed jitħallas shift allowance, min kien ilu jaħdem dan ix-shift ħa jiħduhom b'lura wkoll, imma l-Police Officers Union ma waqfitx hemm. Kien hemm istanzi fejn fl-istess sezzjoni kien hemm full timers li kienu ntitolati għall-SDA (Special Duty Allowance) u l-RPCs li kienu stazzjonati fl-istess sezzjoni ma kinux jieħduha. Illum l-RPCs qegħdin jitħallsu din l-allowance bi prorata tas-sigħat li jaħdmu.

Riżolta wkoll il-kwistjoni li nħolqot wara l-ftehim settorali li għadda fejn uffiċjali li telqu mill-Pulizija qabel ġie ffirmat il-ftehim jiġifieri bejn l-1 ta' Jannar 2018 u l-15 ta' Ottubru 2018. Sakemm ġie ppreparat dan l-artiklu konna infurmati li l-ewwel sezzjoni ta' pagamenti ser joħorġu fil-ġimgħat li ġejjin. Fil-każ ta' min kien kuntistabbli ser jara tibdil fil-pensjoni tiegħu/tagħha wkoll. Il-POU ilha għaddejja bid-diskussjonijiet u issa qed naraw il-frott tagħhom.

F'dawn l-aħħar ġimgħat esperjenzajna tnaqqis ta' fixed points. Fixed point tiġi mgħoddija minn skrutinju kultant żmien biex jiġi magħruf jekk għadx hemm il-bżonn ta' dik il-fixed point partikolari jew le. Jekk jirriżulta li dik il-fixed point ma għadx hemm il-bżonn li tibqa' din titneħħa. Meta tinqata' fixed point illum, tibda tonqos l-opportunità li uffiċjal jagħmel overtime. Aħna ma nistgħux immorru kontra dik id-deċiżjoni. Però bħala union nistgħu nipproponu alternattivi għall-opportunità ta' overtime. Fil-fatt hekk konna proponejna għad-distretti. Huwa fatt magħruf li d-distretti huwa nieqes mir-riżorsi umani, allura apparti li s-surġenti jistgħu jidħlu overtime meta jkun hemm il-bżonn, aħna tlabna li l-kuntistabblijiet ikollhom il-fakultà li jidħlu minn jeddhom overtime fid-distrett tagħhom stess. Meta wieħed jara ħolistikament din is-sistema jista' jinduna li fiha ċertu benefiċċju kemm biex jinħareġ il-leave kif ukoll li jkollok biżżejjed uffiċjali biex taħdem ix-shift.

Grazzi u insellmilkom.






# APPREZZAMENTI

## Mingħand il-Komunità

• Grazzi mill-Qalb tal-hin li qattaw tfal fis-sezzjoni tal-Kavallerija li parti mill-progett tas-servizz pubbliku uzaw tema tal-Pulizija.
Ibni kien wiehed minnhom u illum vera ha pjacir. Kienet interessanti hafna specjalment meta tfal neqsin hafna minn dawn l-attivitajiet ghax sfortunatament certu hargiet ta' skola sirna nohduhom jaraw film, minflok outings go postijiet bhal ta' llum.

• I would like to thank Inspector Colin Sheldon, the officers of Sliema Police, Ps Evan Grech of the Gender based and Domestic Violence Unit for their kindness, patience and understanding concerning various difficult situations that my son and myself are living through at the moment. Thank you all.

• Dear Assistant Commissioner of Police,
I would like to commend PS 408 and PC 1347 for their assistance with helping me find my daughters identity card in Paceville. They were very helpful and kind. It's a pleasure to know that there are police like them on the streets.

• Good morning - A word of praise to Police Constable 617 – Christian Mark Ferris.
I've send an email to cyber crime unit about a suspected scam for which he answered immediately and spoke to me how to act in a very friendly manner and in a way I could easily understand. Well done. Police like these are a huge asset to us citizens. Thank you & good day

• PC 636 and PC 2 were very helpful, my husband was extremely drunk and they helped us get home safe and sound. There were extremely nice and polite, and I don't know how I would have my him safe home without their help. Lovely police men.

• Qed nibghat din l-email ghaliex nixtieq li naghmel good report fuq il-pulizija 1057 li jkun fl-ghassa ta' Haz-Zebbug. Dana sar rapport fil-konfront tieghi fejn kelli nirrikorri l-ghassa biex ikellimni l-istess 1057. Il-1057 mhux biss kien gentili u prudenti hafna, izda anke' ghamel siegha shiha jisma l-verzjoni tieghi bil-pacenzja kollha u jifhem u jghin minn qalbu. Minn qalbi nitolbok biex tibzghu ghan-nies bhal dawn fil-korp tal-pulizija l-ghaliex Malta ghandha bzonn hafna pulizija ta' qalb tajba bhal ma filfatt hu il-1057. Grazzi mill-qalb.


PISANI TRADITION
SINCE 1884
DewFresh
· BITE INTO SUPERIOR QUALITY ·
DewFresh
CORNFLAKE
Chicken
BURGERS
Experience the crunch. Try our Cornflake Chicken Burgers!


COSECASA
THE HOUSEHOLD SHOP
GET 5% OFF WHEN PRESENTING
THE CUTOUT OF THIS ADVERT
COSECASA, 77, THREE CHURCHES STREET, BALZAN BZN 1300, MALTA
TERMS & CONDITIONS APPLY


BURGER KING
DOWNLOAD THE
BURGER KING
APP NOW
Free 6pc onion rings and more value deals
when downloading our mobile app!
SCAN ME
Google play
Download on the
App Store
www.burgerking.com.mt
bkmalta
burgerking_malta

**Andrew Vassallo Ltd**
GENERAL TRADING
TEL: 21692917 MOB: 79494438
www.andrewvassallo.com

**Specialising In:**

- Skylights
- Fiber Glass Flag Poles
- Water Gutters
- Raised Flooring
- Manhole Covers
- Street Furniture
- Raised Flooring
- Liquid Membrane
- UPVC & Aluminium Apertures
- All Type Of Staircases

Find us on facebook : Andrew Vassallo LTD







ptl

Holistic IT consulting services to enable faster and smarter business decisions.

IT Infrastructure / Software Development / Business Applications / Digital Transformation / Cloud Solutions

ptl.com.mt

Our Partners

Gold Business Partner IBM · Cisco · Microsoft · Trend Micro · Lenovo · Oracle · Veeam · LS Retail an aptos company · NCR · Nagios · access · Red Hat · Barracuda Your journey, secured. · vmware · aspin · ManageEngine · dynamicweb · pitney bowes

# Paġna tal-Isports

## MESA Football League – Staġun 2021 / 22

Bħal kull sena, l-MPSC tkun mistiedna sabiex tipparteċipa fil-league tal-futbol organizzat mill-MESA (Malta Employees Sports Association). Kien ilu ħafna ma jkollna riżultati sodisfaċenti f'dawn il-leagues iżda f'dan l-istaġun, wieħed ma jistax ma jfaħħarx iż-żewġ teams li ħadu sehem fil-league tal-8 a side, ċioè Team A u Team B immexxijin mill-coaches Ps 185 Roger Mifsud u Pc 1425 Adrian Ciappara rispettivament li fil-kategoriji tagħhom waslu fit-tieni post.



L-MPSC tixtieq tirringrazzja lill-membri li ffurmaw parti minn dawn iż-żewġ teams u wieħed jittamma li għall-istaġun li jmiss inkunu nistgħu naslu għar-rebħ ta' dan il-league tant akkanit.

## Beach Soccer Tournament ġewwa Pretty Bay, Birzebbugia



Għall-ewwel darba, l-MPSC ġiet mistiedna mill-Beach Soccer Association sabiex tipparteċipa f'tournament li jsir regolari kull sena ġewwa Pretty Bay, Birżebbuġia. It-team li ġie magħżul kien magħmul minn players kemm minn Team A kif ukoll minn Team B li flimkien ingħaqdu sabiex jipparteċipaw f'din l-attività. Wieħed ma jistax ma jfaħħarx il-bravura tal-membri li ħadu sehem f'logħba li tinvolvi impenn fiżiku tassew kbir. Il-mixja tal-Malta Police Football Team waslet sal-Kwarti tal-Finali iżda żgur ħalliet il-frott tagħha peress li kellna żewġ membri ċioè Pc 123 Rodrick Vassallo u Pc 876 Mario Bartolo li ġew magħżula sabiex jingħaqdu mat-Team Nazzjonali Malti tal-Beach soccer.

L-MPSC tixtieq tirringrazzja lill-Malta Police Beach Soccer Team tal-parteċipazzjoni tagħhom u tawgura liż-żewġ membri li ntagħżlu mat-team Malti kull risq.

## Scuba Diving



Nhar it-22 ta' Ġunju ġiet organizzata Scuba Diving Event ġewwa Qui si Sana, Sliema fejn bħal kull sena, membri tal-Korp flimkien ma' membri tal-pubbliku jiltaqgħu sabiex jieħdu sehem f'din l-attività ferm sabiħa. Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lil kull min ħa sehem f'din l-attività u b'mod speċjali l-organizzaturi Dive Shack li bħal dejjem joffru servizz mill-aqwa lill-parteċipanti.

Mis-Sur Martin Pace – Assistent Segretarju MARPO

## L-arti minn taħt idejn Joseph Navarro



Lejn l-aħħar tal-ħarifa 2021, flimkien ma' Joe Borda qbadna t-triq lejn il-Kalkara, fl-istudju tal-ħabib tagħna Joseph Navarro, ex kuntistabbli numru 148.

Twieled fis-sena 1954, bin il-Belt Valletta, attenda l-iskola fil-Berġa tal-Baviera. Hekk kif bdejna nirrakkontaw fuq il-ħajja, Joe fetħilna djarju ta' ħajtu. Din ser tkun l-awtobijografija li xi darba narawha pubblikata. Ftakar fl-għalliema li kienu tawh l-għajnuna fl-edukazzjoni tiegħu; ġest nobbli. Semma memorja li baqa' jiftakar; il-qtil ta' Mary Johnson fis-sittinijiet, magħrufa bħala Maria s-sewda.

Ftit ta' żmien ilu ltaqa' ma' ex għalliem li kien jgħalllmu l-Baviera, li fit-tfulija ta' Joseph kien għadu fil-bidu tal-karriera tiegħu u kien ukoll dilettant tal-fotografija u fih sab minjiera ta' ritratti ta' kull klassi li attendew f'dawk iż-żminijiet. Inzerta li ħu l-għalliem, is-Sur Attard, kien li għaraf f'Joseph u sawwar fih l-imħabba lejn l-arti.

Mistoqsija li nagħmlu hija x'ħajret l-imħabba lejn il-Korp? Joseph qalilna li huwa trabba f'ambjent familjari militari. Missieru kien bandist suldat fil-Royal Malta Artillary. Ma kinux iħallu xi ħaġa mhux f'postha għax meta jiġi missieru jagħmel 'spezzjoni ġenerali'.

Navarro daħal fil-Korp nhar il-Ġimgħa 14 ta' Diċembru 1979, wara li kien għadda minn eżami u ħa l-ġurament fis-sala fejn hemm il-pittura ta' Ray Pitrè, taħt il-Kummissarju Cachia. Kienu jsiru ad hoc courses, drill u kif tagħmel body searches. Hawn ftakar fil-ħarġiet kulturali li kien jorganizza d-deputat Kummissarju A. Mifsud Tommasi, deskritt bħala enċiklopedija miftuħ u trid tiġri u mhux timxi miegħu biex tlaħħaq.

Joseph, persuna mingħajr transport privat, kien stazzjonat fl-ajruport ta' Ħal Luqa bħala passport inspection u l-Forensika (Ballistika). Hawn tfakkarna fil-memorja tas-Surġent Muscat u PC Hare li tilfu ħajjithom flimkien ma' membri tal-FAM li kienu kollegi tiegħu. Wara reġa' ġie trasferit lejn l-ajruport mas-Surġent PS 373 Pawlu Ciantar.

Fis-sena 1981 lejn l-uffiċċju Prinċipali tal-Immigrazzjoni u fis sena 1984 'J' Division l-Imsida. Fis-sena 1987 lejn l-għassa ta' Paola u Bormla u fis-sena 1988 lejn l-Uffiċċju tal-Armi, Hut 29 u PCO. Fl-1994 sab post fit-twelid tal-mużew tal-Pulizija, flimkien ma' Supt Ray Zammit u s-Surġent Joe Borda. Temm is-servizz tiegħu fil-Korp, fis-sena 2005.

Kull meta kien jgħin liċ-ċittadin kienet esperjenza pożittiva, imma episodju li baqa' jiftakar huwa meta kien sab tifel li kien intilef. Joseph, bi tbissima jgħid li huwa qatta' l-iqsar qamar il-għasel għaliex, ħa l-ġurament il-Ġimgħa, l-għada s-Sibt, 15.12.1979 iżżewweġ lis-sinjura Philomena u l-Ħadd off duty u t-Tnejn kellu jirrapporta l-ajruport Ħal Luqa. Ilum huma ġenituri ta' Reuben u Ruth, it-tnejn gradwati mill-Università.

...Ikompli fil-ħarġa ta' Diċembru


fgp
The Garage Door People
FGP Ltd is Malta's largest and longest established garage door manufacturer. Supplying all kinds of custom made residential, commercial & industrial garage doors, gates and remote control automations.
FGP Ltd. 109, Valletta Road Luqa. Tel: 21673627, 21667107/8
Email: sales@fgp.com.mt Web: www.fgp.com.mt


medcomms
MARINE ELECTRONICS
2133 5521 - 2133 0147
info@medcomms.com.mt
FIND US ON FACEBOOK
GARMIN MALTA
beat yesterday.
Good Job!
15:01
Thursday:
Hill Workout
This Week 24.0 km
5.00
26:08
5:15/km
GARMIN
Now is the perfect time to move


LAND ROVER
Ciapella
garage
www.ciapella.com
At Malta's largest Land Rover vehicles only workshop, we will be pleased to assist you with any of the following:
Mechanical servicing, repairs and total rebuilds. Computer systems diagnostics and electronic faults clearing. Accident damage repairs, spray painting, and complete restorations. Very reasonable hourly rates and warranty on the repairs. Stockists/vehicles spare parts and accessories.
We represent the following brands:
BEARMACH PLC • T - MAX MAXIMUM OFF-ROAD RECOVERY • WARN • HI-LIFT • PRO COMP • MANTEC • EQUIPE • K&N PREFORMANCE FILTERS • DETROIT LOCKER • BRITPART • GOODRIDGE • SAFARI • ARB AIR LOCKER • EXMOORTRIM • RING AUTOMOTIVE
BF GOODRICH TYRES • SILVERSTONE TYRES • GENERAL TYRES • ALLMAKES • TERRAFIRMA
Ta' Hagrat Street – Mgarr MST 10. Tel: 2157 4615/ 9946 9116 – Email: adrian@ciapella.com
Mosta Road – Lija LJA 9012. Tel: 2141 4441 Fax: 2141 6837 – Email: info@ciapella.com
Join us on Facebook
www.ciapellagarage.com



carini
Bathrooms & Tiles
435,
St. Joseph High Road
St. Venera
tel: 21440202
floor tiles: 21482849
www.carinibathrooms.com




Ph Borg Ltd.
FUEL & LPG SUPPLIER
We delivery Fuel and LPG to
Hotels ◦ Domestic ◦ Industrial ◦ Farms ◦ Yachts
WE FOCUS ON
◦ Timely deliver
◦ 24/7 delivery service
◦ Excellent quality products
◦ Flexible credit terms
... all of which are offered by our trained staff and well equipped vehicles"
FUEL & L.P.G SUPPLIER
find us on facebook
PhBorg Ltd.
Joseph Yard, Triq Il-Prinjol, Wied Il-Ghasel, L/O Naxxar, NXR 6345
mob: 9949 1177 web: www.phborgltd.com email: info@phborgltd.com




Electrical Protective Devices
The safety you deserve.
Schneider Electric
ess
elektra

# International Police Association

## Section Malta

**Vice President Ms Janet Zammit**

The 27th Mediterranean Congress was held between the 16-19th June 2022 at Lake Ohrid North Macedonia and was organized by Region Skopje.

Present for this year's meeting was IPA Malta Vice President Ms Janet Zammit. Delegations from within 15 countries participated; Albania, Bosnia and Herzegovina, Bulgaria, Croatia, Cyprus, Greece, Israel, Montenegro, Northern Macedonia, Portugal, Romania, Serbia, Slovenia, Spain and Malta. Mr Martin Hoffman IPA Socio Cultural Committee (Austria) and Mr Kyriakos Karlalis Vice President IPA International were guests of honour.

The Mediterranean Congress had been halted due to Covid-19, where the last meeting was held at Lago Di Garda Italy in 2019. As members of the delegation, we were looking forward to meet after three years especially when a few countries have changed their committee members either by election or unfortunately, by the loss of a delegate. May those lost Rest in Peace.

Mr Florentin Scaletchi who is the founder and President of the Organisation for Human Rights Defence – OADO delivered a speech and presented certificates to all those who had participated. Other members of the IPA delivered speeches on different subjects including Human Trafficking, which was of interest to us all as well as talks on International Crime.

The evenings were followed by traditional food and dances and I also had the opportunity to visit the wonderful city of Skopje, which is a known jewel for history.

The upcoming 2023 Mediterranean Congress will be held in Belgrade, Serbia.

I would like to thank the President of IPA North Macedonia, Mr. Robertino Aceski and his delegation for their utmost organization in holding this Mediterranean Congress.

Servo per Amikeco!



# Obitwarju



**Ex PC 981**
**Carmelo Grima**
1959 – 2022
1993 - 2019



**Ex PS 1142**
**Victor Buttigieg**
1950 – 2022
1968 – 1993



**Ex PS 888**
**Carmelo Ebejer**
1938 – 2022
1957 – 1982



**Ex PC 440**
**Joseph Formosa**
1941– 2022
1961 – 1978



**Ex PC 866**
**Saviour Azzopardi**
1958 – 2022
1981 – 2007



**Ex SM 73**
**Victor Spiteri**
1938 – 2022
1957 – 1995



**Ex PC 864**
**Carmel Camilleri**
1931 – 2022
1951 – 1978



**Ex PC 583 & 890**
**Joseph Sapiano**
1941 – 2022
1964 – 1985



**Ex PS 306**
**Emanuel George Pisani**
1933 – 2022
1958 – 1981



**Ex PS 762**
**Carmel Spiteri**
1936 – 2022
1955 – 1977



**Ex PC 861**
**Saviour Ferriggi**
1933 – 2022
1956 – 1981



**Ex PS 855**
**Anthony Caruana**
1926 – 2022
1952 – 1977



**Ex PC 57**
**Mario Schembri**
1951 – 2022
1968 – 1977



**Ex PC 650**
**Joseph Camilleri**
1935 – 2022
1961 – 1981



**Ex PS 1242**
**Joseph Sant**
1951 – 2022
1969 – 1994



**Ex PS 1189**
**Mario Dalli**
1949 – 2022
1968 – 1994



**Ex PS 1068**
**Alfred Caruana**
1937 – 2022
1958 – 1980



**Ex PS 1043**
**Carmel Zahra**
1933 – 2022
1957 – 1984



**Ex 1st SM 763**
**John Scerri**
1932 – 2022
1956 – 1983



**Ex PC 1253**
**Paul Schembri**
1946 – 2022
1961 – 1980



**Ex PS 867**
**Umberto Bruno**
1935 – 2022
1956 – 1981



**Ex PC 1358**
**Tarcisio Cassar**
1958 – 2022
1987 – 2017



**Ex PC 969**
**Saviour Gauci**
1953 – 2022
1959 – 2000

# READY STEADY «INVEST»

**Monthly Investment Plan from only €50**





**Get in touch | bovassetmanagement.com | @bovofficial**

The value of the investment can go down as well as up. Any initial charges and exit fees that may apply may lower the amount invested and the amount received upon redemptions. Investments should be based on the full details of the Prospectus, Offering Supplement and the Key Investor Information Document which may be obtained from BOV Asset Management Limited, Bank of Valletta p.l.c. Branches/Investment Centres and other Licensed Financial Intermediaries. The investments underlying these financial products do not take into account the EU criteria for environmentally sustainable economic activities. BOV Asset Management Limited is licensed to provide Investment Services in Malta by the MFSA. The Vilhena Funds SICAV p.l.c. is licensed by the MFSA and qualifies as a UCITS. The BOV Investment Funds is a common contractual fund licensed by the MFSA as a collective investment scheme pursuant to the Investment Services Act and the UCITS Directive. Issued by BOV Asset Management Limited, 58, Zachary Street, Valletta, VLT 1130, Malta. Tel: 21227311, Email: infoassetmanagement@bov.com, Website: www.bovassetmanagement.com. Source: BOV Asset Management Limited.

BOV ASSET MANAGEMENT

A MEMBER OF THE **BOV** GROUP


Since 1914
MG
The All-New Fully-Electric MG 5
MG5
7 YEAR WARRANTY
Muscats Motors LTD, Rue D'Argens, Gzira, Malta.
Email: info.mg@mml.mizzi.com.mt
Phone: 2326 4599 / 4523
FB: /mgmotor.mt | IG: @mgmalta
MUSCATS MOTORS